**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 26 – IT-TNEJN, 02 TA' NOVEMBRU 2020 FIL-5.45pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier (6.00pm) |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 25**

1.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponijiet li jigu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 24**

2.1 Ma kienx hemm punti imtella

**3 Pagamenti Numru 27**

3.1 Is-Sur Joe Aquilina ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jithallas l-kont tal-public convienence ta Ottubru.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku tkellem dwar il-kunsultazzjoni publika li saret mill-kunsill dwar uzu ta roti u mezzi alternattivi ta transport. Kien hemm qbil li ghandu jsir workshop fejn jigu mistiedna dawk li sottomettew kummenti waqt il-kunsultazzjoni, kif ukoll rapprezentatnti minn qaghdiet u istutuzzjonijiet li huma stakeholders kif ukoll numru ta MPs. Kien hemm qbil li ghandu jiltaqa s-Sindku flimkien mal-kunsillier Joe Aquilina biex jiffinalizzaw il-list u xi dettalji ohra. Kien hemm qbil li din l-attivita ghanda issir f'San Gwann, ghalhekk ghanda tintalab kwotazzjoni minn ghand il-lukanda Urban Valley biex issir da nil-workshop.

4.2 Is-Sindku informa lil kunsill li sar hsara fir-retaining wall li hemm fi Triq il-bies ma Wied Ghomor. Kien hemm qbil li jsir rapport mill-perit tal-kunsill u dan jinbad lil Infrastructure Malta.

4.3 Is-Sindku ippropona li x-xogholijiet ta embellishment li ghandu jsir fi triq l-Ibiskus issir mill-kuntrattur tal-maintenance tal-kunsill peress li dan is-sit huwa zghir.

4.4 Is-Sindku gab ghal attenzjoni tal-kunsill li hemm xi minuti, agendas, schedule of payments u xi dokumenti ohra li ghadhom ma gewx uploaded fuq il-wedsite. Is-segretarju ezekuttiv ikkonferma li dan hu minnu u li ghandhom jigu uploaded sal-laqgha li jmiss.

**5 Korrispondenza**

5.1 Il-Kunsill gie infurmat li wahda mill-haddiema tal-kunsill, Nicole Talbot irrizenjat mix-xoghol. Il-kunsill irringrazzja lis-Sinjorina Talbot tax-xoghol taghha u kien hemm qbil li jinhareg sejha ghal post ta' Clerk.

5.2 Kien hemm diskuzzjoni dwar il-bzonn li jigu disinfettati postijiet publici fejn jiffrekwentaw il-publiku. Gie innutata kwotazzjoni ta 1150, inkluz il-VAT. Kien hemm qbil li din issir u ma dawn il-postijiet jizdiedu l-kappella St Margerita u l-knisja parrokjali.

5.3 Kien hemm diskuzzjoni dwar 3 kwotazzjonijiet ghal xiri ta apparat ghal drip irrigation. Kien hemm qbil li dawn jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

5.4 Kien hemm diskuzzjoni dwar proposta biex jigu organizzati attivitajiet ta ezercisju ghal anzjani. Ghanda tintalab aktar dettalji dwar dan.

**6.35pm is-Sur Joe Aquilina skuza ruhu mill-laqgha.**

**6 Affarjiet Ohra**

6.1 Is-Dominic Cassar esprima ruhu li ma jaqbilx mal-attivitajiet li qed issir tal-anzjani minhabba li r-rata qawwija li qed ikun hawn tal-COVID 19, u l-anzjani huma l-aktar vulnurabli. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici irrisponda n-numru ta anzjani li qed jattendu huwa hafna inqas min-normal u dawk li qed jigu, qed jaghmlu hekk ghax irridu huma. Is-Sindku irrisponda li kollox qed issir skond il-ligi u l-linji gwida mill-awtoritajiet tas-sahha kif ukoll irrimarka li s-sala fejn issir din l-attivita hija kbira bizzejjed biex jinzam is-social distancing fejn ikun hemm sa 6 persuni fuq kull mejda.

6.1.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem ukoll dwar it-tizjin tal-Milied. Kien hemm qbil li s-sigar tal-Milied ghandhom ikunu armati sal 25 ta Novembru u l-presepju ikun armat fis-26 ta Novembru. Bhal snin ta qabel, dawn jigu armati mill-ghaqdiet lokali, Banda, Gharmar u Nar. Ghanda tinhareg PO ghal electrical consumer units. Is-Sur Cassar tkellem ukoll dwar problem li hemm fejn il-bring in sites tal-hgieg qed jitbatlu fit-3.00am. Dan qed johloq inkonvinjiet kbir ghar-residenti. Ghanda issir talba lil GreenPak biex dan ma jkompliex issir.

6.2 Ghandha tidhol is-sentenza "Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Mensija quddiem il-Cart Ruts. Ma qabel hadd ma din it-talba.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Trevor Fenech**<br>**Sindku** |